**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 6 ta' Dicembru, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**-vs-**

**Shone (Carmel-Shone) Agius detentur tal-karta tal-identità bin-numru 123673(M)**

Kumpilazzjoni Nru: 591/2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Shone (Carmel-Shone) Agius** talli:

1. f'xi ħin bejn is-07:00 u d-09:00 ta' filgħodu nhar l-01 ta' Frar tas-sena 2013, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti minn ġewwa fond numru 8, Triq Oleandru, San Ġiljan għad-dannu ta' Lolito Torregoza u/jew ta' persuna/i oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, bil-valur li ma jaċċedix s-somma ta' elfejn, tlett mija u disa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2329.37c); Art. 261(b)(c)(e), 264(1), 267, 269(g) u 279(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, laqa' għandu, jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom; Art.334 tal- Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Kap 446 Artiklu 7 tal-ligijiet ta' Malta imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Appell (Malta) Imhallef Dr. David Scicluna LLD datata 28 ta' Frar 2013, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;
4. fl-istess żminijiet u ċirkostanzi rrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 Liġi ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Rat li l-prosekuzzjoni rtirat it-tielet imputazzjoni.

Rat li l-imputat rregistra ammissjoni inkwantu ghall-imputazzjonijiet l-ohra u kkonferma l-istess ammissjoni wara li inghata l-opportunita' li jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta ghall-ewwel, it-tieni u r-raba imputazzjonijiet (billi t-tielet imputazzjoni giet irtirata) u ghaldaqstant dawn gew sodisfacentement ippruvati.

Illi jirrizulta li t-tieni imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tal-kaz, ir-reati li jinsab addebitat bihom l-imputat, l-ammissjoni tieghu li bl-ebda mod ma jista' jinghad li kienet wahda bikrija, u fuq kollox il-fatt li fil-fehma tal-Qorti l-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga, fejn l-istess imputat irrikonoxxa dan il-fatt kif jixhed il-*Pre-Sentencing Report* esebit bhala Dok. 'MA'.[1]

F'dan ir-rapport tohrog il-karba tal-imputat ghall-ghajnuna filwaqt li sfortunatament hu cjar u manifest li l-imputat m'ghandux il-motivazzjoni necessarja biex jeghleb il-vizzju mishut li hakkmu.

Fil-fehma tal-Qorti jekk ma taghtix piena karcerarja tkun hi stess qed tirrendi ruha komplici sabiex l-imputat ikompli jirrovina hajtu jekk mhux addiritura jeqridha darba ghal dejjem. L-imputat ghandu fedina penali mzewwqa sew, fejn jirrizulta li l-habs ma swiex ta' deterrent ghajr li tul xi zmien li kien inkarcerat zamm il-boghod mid-droga. Giet ikkunsidrat ukoll il-piena moghtija lill-ko-awtur f'din is-serqa; dan kien ammetta mal-Pulizija l-involviment tieghu dwar is-serqa li jinsab akkuzat biha l-imputat mill-ewwel u kkowopera bi shih maghhom. Ghalhekk il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi ghandha timponi sentenza ta' prigunerija effettiva li tibqa' l-uniku alternattiv ghall-imputat li wera li ma kienx kapaci jisfrutta l-opportunitajiet li nghatawlu w ma tghallem xejn mill-izbalji tal-imghoddi.

[1] Vide fol.112, fil-paragrafu intitolat 'Intervista ma Dr George Grech-Tabib tad-Detox'

Ghaldaqstant, il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50,[2] 261(b)(c)(e), 264(1), 267, 269(g), 279(a), 280 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha, u tikkundannah ghal piena ta' tlett snin u ghaxar xhur prigunerija.

Inoltre' a tenur tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett snin sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga u dan skont id-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

---

[2] Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, per Onor. Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit, 30.05.2011